# Ġenna Qatt Mirbuħa

Karmenu Mallia

Niktiblek meta x-xemx tagħtini s-saħħa,
niktiblek meta l-qamar jinkwetani,
niktiblek meta l-frisk jaħjini sewwa,
niktiblek meta s-sħana timbuttani.

Nitkellem mal-ħuttaf li jgħaddi jżurni,
nitkellem mas-siġriet li jżejnu 'l ġnieni,
nitkellem ma' xi żiemel jiggaloppja,
nitkellem ma' xi ħmar - jaħsbuh - belhieni.

Noħlom l-imgħoddi tiegħi, ta' pajjiżi,
nitbissem quddiem nieqa ta' tarbija
u nidħaq sewwa f'qalbi meta nilmaħ
xi funeral bit-tokki tqal, merħija.

Niftakar f'Liszt, Chopin, Rossini, Heller
li moħħhom ordna 'l-pjanu kif idoqq,
niftakar f'Dürer li bl-'Apokalissi'
beżża' lid-dinja - illum 'il għadmi jxoqq -

bl-arji feddejja, 'mma li jħollu 'l-qalb.
Teżawru l-ħajja:ġenna qatt mirbuħa
fejn nogħxa bl-Arti li ddawwalli ħajti
bħal xi qawsalla fis-smewwiet miftuħa.